MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 37/2003

**Alvin Buttigieg**

**vs**

**Peter Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-attur irrenda xoghol ta’ stallazzjoni ta’ elettriku lil konvenut fi propjeta tal-konvenut u fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut.

Peress illi ta’ dan ix-xoghol l-attur ghandu jiehu tmien mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm 821).

Peress illi l-konvenut ma hallas xejn minn dan l-ammont minkejja li nterpellat diversi drabi u minkejja diversi wieghdi.

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li:**

1. Jhallas lil attur is-somma ta’ tmien mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin (Lm 821).
2. Jhallas l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha inkluzi l-ispejjes ta’ l-ittra ufficcjali ta’ Settembru 2000 u Settembru 2002. Bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.”

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fil-5 t’April 2003 izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-28 t’April 2003, fil-15 ta’ Mejju 2003 u dik tallum.

Sema’ d-deposizzjon guramentata ta’ l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM821 bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal u l-ittra ufficjali ta’ Settembru 2002 a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------